



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-545/19

AllianzGI-Fonds AEVN

vs

Autoridade Tributária e Aduaneira,

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Marzu 2022

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 63 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Taxxa fuq id-dividendi mħallsa lill-organi ta' investiment kollettiv (OIK) – OIK residenti u mhux residenti – Differenza fit-trattament – Taxxa f'ras il-ġhajn li tikkonċerna biss id-dividendi mħallsa lil OIK mhux residenti – Komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet – Evalwazzjoni – Teħid inkunsiderazzjoni tas-sistema fiskali tad-detenturi ta' ishma f'OIK u tal-issuġġettar tal-organi residenti għal taxxi oħra – Assenza”

1. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Moviment liberu tal-kapital – Dispożizzjonijiet tat-Trattat – Eżami ta' miżura nazzjonali marbut ma' dawn iż-żewġ libertajiet fundamentali – Kriterji ta' determinazzjoni tar-regoli applikabbli (Artikoli 56 u 63 TFUE)*

(ara l-punti 31, 33, 34)

2. *Moviment liberu tal-kapital u libertà tal-pagamenti – Restrizzjonijiet – Leġiżlazzjoni fiskali – Taxxa fuq id-dividendi – Dividendi mħallsa lill-organi ta' investiment kollettiv immobbljari – Eżenzjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, mit-taxxa fras il-ġhajn fuq id-dividendi ta' oriġini nazzjonali mħallsa lill-organi residenti – Tassazzjoni permezz ta' taxxa fras il-ġhajn tad-dividendi ta' oriġini nazzjonali mħallsa lill-organi residenti ta' Stat Membru ieħor – Eżami tan-natura komparabbli ta' sitwazzjoni transkonfinali ma' sitwazzjoni interna – Teħid inkunsiderazzjoni tal-għan imfittex mid-dispożizzjonijiet nazzjonali – Prevenzjoni jew tnaqqis tal-impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi jew it-taxxa doppja ekonomika – Stat Membru sors tad-dividendi li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fuq id-dħul irċevut mill-organi mhux residenti – Sitwazzjonijiet oġġettivament komparabbli (Artikolu 63 TFUE)*

(ara l-punti 49, 59, 60, 63-66, 68, 69, 72, 74)

3. *Moviment liberu tal-kapital u libertà tal-pagamenti – Restrizzjonijiet – Leġiżlazzjoni fiskali – Taxxa fuq id-dividendi – Dividendi mħallsa lill-organi ta' investiment kollettiv immobbljari – Eżenzjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, mit-taxxa fras il-ġhajn fuq id-dividendi ta' oriġini nazzjonali mħallsa lill-organi residenti –*

Tassazzjoni permezz ta' taxxa f'ras il-ġhajjn tad-dividendi ta' oriġini nazzjonali mħallsa lill-organi residenti ta' Stat Membru ieħor – Inammissibbiltà – Ġustifikazzjoni – Assenza (Artikolu 63 TFUE)

(ara l-punti 78 sa 85, u d-dispożittiv)

Sunt

AllianzGI-Fonds AEVN, organu ta' investiment kollettiv (OIK) tat-tip miftuħ, ikkostitwit skont il-leġislazzjoni Ġermaniża u li għandu r-residenza fiskali tiegħu fil-Ġermanja, hemmhekk huwa eżentat mit-taxxa fuq il-kumpanniji skont id-dritt nazzjonali. Dan l-istatus fiskali ma jippermettilux jirkupra, fil-forma ta' kreditu fiskali, it-taxxi mħallsa barra mill-pajjiż minħabba taxxa doppja internazzjonali u lanqas jitlob kwalunkwe rimbors ta' dawn it-taxxi.

Matul is-snin 2015 u 2016, AllianzGI-Fonds kellu ishma f'diversi kumpanniji stabbiliti fil-Portugall. Id-dividendi li huwa rċieva f'dan ir-rigward matul dak il-perijodu kienu suġġetti, fil-Portugall, għal tassazzjoni permezz ta' taxxa f'ras il-ġhajjn ta' natura liberatorja bir-rata ta' 25 %. AllianzGI-Fonds ippreżenta azzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju bil-għan li jiġu annullati l-atti li permezz tagħhom l-amministrazzjoni fiskali Portugiża kienet wettqet din it-taxxa f'ras il-ġhajjn. Fil-fatt, huwa jqis li ġie suġġett għal trattament fiskali inqas favorevoli milli l-OIK residenti fil-Portugall u li jirċievu dividendi min-naħa ta' kumpanniji residenti, peress li dawn huma eżentati mit-taxxa fuq id-dħul ta' persuni ġuridiċi f'dak li jirrigwarda d-dividendi mħallsa lilhom minn kumpanniji residenti. Għalhekk, AllianzGI-Fonds jinvoka, b'mod partikolari, restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital ipprojbita mill-Artikolu 63 TFUE.

Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod preliminari, dwar il-kompatibbiltà, mad-dritt tal-Unjoni, ta' leġislazzjoni li abbażi tagħha d-dividendi ddistribwiti minn kumpanniji residenti lil OIK mhux residenti huma suġġetti għal taxxa f'ras il-ġhajjn, filwaqt li d-dividendi ddistribwiti lil OIK residenti huma eżentati mill-ħlas ta' tali taxxa. Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja taqta' u tiddeċiedi li tali leġislazzjoni ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 63 TFUE.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Wara li qabel kollox iddeterminat il-libertà ta' moviment applikabbli bħala l-moviment liberu tal-kapital, il-Qorti tal-Ġustizzja twettaq l-analiżi ta' eventwali restrizzjoni għal din il-libertà. F'dan ir-rigward, hija tikkonstata li l-fatt li l-leġislazzjoni Portugiża tirriżerva biss lill-OIK residenti l-possibbiltà li jiksbu l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-ġhajjn jikkostitwixxi trattament żvantaġġuż tad-dividendi mħallsa lill-OIK mhux residenti li jista' jiddisswadi, minn naħa, lill-OIK mhux residenti milli jinvestu f'kumpanniji stabbiliti fil-Portugall u, min-naħa l-oħra, lill-investituri residenti fil-Portugall milli jakkwistaw ishma f'tali OIK.

Din id-differenza fit-trattament hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni biss jekk hija tkun tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament komparabbli jekk jekk hija tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali.

Fir-rigward tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet ikkonċernati, għandu jiġi rrilevat li l-Gvern Portugiż isostni, essenzjalment, li s-sitwazzjonijiet rispettivi tal-OIK residenti u dawk mhux residenti ma humiex oġġettivament komparabbli, u dan minħabba l-fatt, minn naħa, li l-intaxxar tad-dividendi rċevuti minn dawn iż-żewġ kategoriji ta' organi ta' investiment min-naħa

tal-kumpanniji residenti fil-Portugall huwa rregolat minn tekniki ta' tassazzjoni differenti — jiġifieri tali dividendi huma suġġetti għal taxxa f'ras il-ġhajn meta jitħallsu lil OIK mhux residenti, filwaqt li huma suġġetti għat-taxxa tal-boll kif ukoll għat-taxxa speċifika prevista fl-Artikolu 88(11) tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-Persuni Ġuridiċi, meta dawn jitħallsu lil OIK residenti. Min-naħa l-oħra, dan il-gvern jindika li d-dividendi ddistribwiti minn OIK residenti lil detenturi ta' ishma residenti fit-territorju Portugiż huma ntaxxati b'rata ta' bejn 25 % u 28 %, filwaqt li d-dividendi mħallsa lil detenturi ta' ishma li ma humiex residenti fit-territorju Portugiż bħala prinċipju jiġu eżentati mit-taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi u fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi.

Skont il-ġurisprudenza, trattament differenti tat-tassazzjoni tad-dividendi skont l-istatus ta' residenti jew ta' mhux residenti tal-persuni taxxabli, li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' żewġ metodi ta' tassazzjoni differenti, jista' jkun iġġustifikat. Madankollu, bla ħsara għal verifiki mill-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tillimitax ruħha sabiex tipprevedi modalitajiet differenti għall-ġbir tat-taxxa skont il-post ta' residenza tal-OIK benefiċjarju tad-dividendi ta' oriġini nazzjonali, iżda hija tipprevedi, fir-realtà, tassazzjoni sistematika tal-imsemmija dividendi fil-konfront biss tal-organi mhux residenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, minn naħa, l-argument tal-Gvern Portugiż ibbażat, essenzjalment, fuq l-assenza ta' komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet ikkonċernati, minħabba l-eżistenza, fis-sistema fiskali Portugiża, ta' taxxi li għalihom huma suġġetti biss l-OIK residenti. B'mod partikolari, għalkemm id-dividendi ta' oriġini nazzjonali rċevuti minn OIK residenti jistgħu jiġu suġġetti għal taxxa speċifika skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, din hija prevista biss f'każijiet limitati, b'tali mod li ma tistax tiġi assimilata mat-taxxa ġenerali li għaliha huma suġġetti d-dividendi ta' oriġini nazzjonali rċevuti mill-OIK mhux residenti. Għaldaqstant, l-OIK mhux residenti ma jinsabux f'sitwazzjoni oġġettivament differenti meta mqabbla mal-OIK residenti fir-rigward tal-intaxxar tad-dividendi provenjenti mill-Portugall.

Min-naħa l-oħra, sa fejn l-argument tal-Gvern Portugiż jirrigwarda l-allegata neċessità li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tad-detenturi tal-ishma, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet ikkonċernati għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-għan imfittex mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kif ukoll tal-għan u tal-kontenut ta' dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, huma biss il-kriterji ta' distinzjoni rilevanti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni kkonċernata li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' jekk id-differenza fit-trattament li tirriżulta minn tali leġiżlazzjoni tirriflettix differenza oġġettiva fis-sitwazzjonijiet.

F'dan il-każ, is-sistema Portugiża fil-qasam tat-tassazzjoni tad-dividendi ġiet ikkonċepita skont il-loġika tal-“issuġġettar għat-taxxa tal-ħruġ”¹. Din is-sistema hija intiża sabiex tilħaq għanijiet bħal, b'mod partikolari, dak li tiġi evitata t-taxxa doppja ekonomika internazzjonali u li t-tassazzjoni tal-OIK tiġi ttrasferita fuq id-detenturi ta' ishma, sabiex it-taxxa imposta fuq dan id-dħul tkun approssimattivament ekwivalenti għal dik li kienet tiġi applikata li kieku dan id-dħul kien inkiseb direttament mid-detenturi ta' ishma f'dawn l-OIK.

¹ Fis-sens li l-OIK ikkostitwiti u li joperaw skont il-leġiżlazzjoni Portugiża huma eżentati mit-taxxa fuq id-dħul, filwaqt li l-oneru ta' dan tal-aħħar jiġi ttrasferit lid-detenturi ta' ishma li għandhom il-kwalità ta' residenti, u d-detenturi ta' ishma mhux residenti huma eżentati minnha.

Fir-rigward tal-kriterji ta' distinzjoni rilevanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-uniku kriterju ta' distinzjoni stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li jirrigwarda biss il-post ta' residenza tal-OIK, ma jippermettix li tiġi kkonstatata differenza oġġettiva tas-sitwazzjonijiet bejn dawn l-organi skont il-kwalità tagħhom ta' residenti u mhux residenti.

F'dak li jirrigwarda l-eżistenza eventwali ta' raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika r-restrizzjoni kkonstatata, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis fl-ewwel lok li, fl-assenza ta' rabta diretta bejn l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-ġħajn tad-dividendi ta' oriġini nazzjonali rċevuti minn OIK residenti u l-intaxxar tal-imsemmija dividendi bħala dħul tad-detenturi ta' ishma f'dan l-organu, il-ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità li tiġi ppreżervata l-koerenza tas-sistema fiskali nazzjonali għandha titwarrab. Fit-tieni lok, fir-rigward tan-neċessità li jiġi ppreżervat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, meta Stat Membru jkun għażel, bħal fis-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma jintaxxax lill-OIK residenti li jibbenefikaw minn dividendi ta' oriġini nazzjonali, ma jistax jinvoka n-neċessità li jiġi żgurat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri bil-għan li jiġġustifika t-tassazzjoni tal-OIK mhux residenti li jibbenefikaw minn dan id-dħul.